# L-ETAJIET KBAR TAL-PATRIJARKI
## (George Ebejer)

Hija ħaġa tal-iskantament kemm xi wħud jaċċettaw mingħajr ebda ħsieb tagħlim żbaljat dwar xi suġġett li naqraw dwaru fil-Bibbja Mqaddsa. Suġġett wieħed minn dawn huwa l-etajiet kbar li naqraw dwarhom fil-Ktieb ta' Ġenesi. Billi għalina llum dawn jidhru li huma impossibbli li persuna tgħix dawk is-snin kollha, eżempju, 900 sena, allura għal xi wħud, minflok ma jgħidu li għal Alla, li ħalaq id-dinja u l-universe kollu, xejn ma huwa impossibbli (Luqa 18:27), huma jgħidu li dawk ma kinux snin bħas-snin tagħna tal-lum. Imma jekk xi ħadd tassew ikollu fiduċja f'Alla, mija fil-mija, mingħajr ma jiddubità Fih, allura dan kull ma għandu jagħmel huwa li jaqbad il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa u jfittex fiha u jħalli lil Alla Nnifsu jgħidlu Hu.

Ħalli aħna, li tassew għandna fiduċja mija fil-mija f'dak li jgħidilna Alla fil-Kelma Tiegħu, nagħmlu dan u nħallu Lilu jgħidilna jekk dawk is-snin kinux l-istess bħas-snin tagħna tal-lum jew le.

**A. Is-Snin Meqjusa Bħala Li Kienu Xhur!**

Xi kritiċi jistqarru lid-900 sena ta' ħajja msemmija fil-Bibbja ma kinux snin letterali. Huma jistqarru li f'dak iż-żmien kull xahar kien bħal sena. Huma jgħidu li int għandek tieħu l-età mogħtija fil-Bibbja u tiddividiha bi tnax-il xahar. Huma ħafna llum li nqabdu f'dan it-tagħlim żbaljat mingħajr lanqas biss qatt ma ndenjaw ruħhom jaraw huma nfushom tassew x'tgħid il-Bibbja Mqaddsa, li hija l-Kelma ta' Alla. Huma jħarsu biss lejn l-etajiet kbar imma ma jħarsux lejn l-etajiet l-oħra, bħal per eżempju, 74, 80, sena, eċċ., li huma msemmija fl-istess żminijiet.

Imma dak li jgħidu huwa żbaljat għalkollox għal ħafna raġunijiet. Il-Bibbja tgħidilna kemm kellhom żmien il-patrijarki meta twieldu wliedhom.

1. Jekk is-snin kienu xhur (kif xi wħud isostnu li kienu) allura dak li naqraw f'Ġenesi 5:6 fejn jintqal li Set kellu (nissel) lil Enos meta kellu 105 sena, allura dan il-vers jipproponi li Set kellu iben meta hu kellu biss madwar disa' snin!
2. Jintqal li Qajnan kellu 70 sena meta ibnu Maħalel twieled (Ġenesi 5:12). Jekk int tiddividi l-età bi 12, allura dan ikun ifisser li Qajnan kellu iben meta hu kellu biss 5 snin. Dan huwa impossibbli u mhux li Alla jippermetti li persuna tgħix 900 sena!
3. Jintqal ukoll li Ħenok kellu iben, Metuselaħ, meta hu kellu 65 sena. Jekk aħna niddividu bi tnax, kif igħidu xi wħud li s-snin kienu ta' dak iż-żmien, allura Ħenok kellu iben meta hu kien biss ta' ħames snin u ftit xhur. (Ġenesi 5:21).
4. Ix-xhur u s-snin huma spjegati ċari fl-Iskrittura fejn naqraw f'Ġenesi 8:13-14, "[13]U ġara, *fis-sena sitt mija u wieħed*, *fl-ewwel xahar*, *fl-ewwel jum tax-xahar*, illi l-ilmijiet nixfu mill-art: u Noè neħħa l-għatu tal-arka, u ħares, u, ara, wiċċ l-art kien niexef. [14]U *fit-tieni xahar*, fis-*sebgħa u għoxrin tax-xahar*, l-art kienet niexfa." Minn hawn jidher ċar li Noè fehem tajjeb id-differenza bejn jum, xahar u sena, imma llum xi wħud din id-differenza għadhom ma jistgħux jifhmuha!

5. Abram kellu 86 sena meta twieled Ismagħel fejn naqraw, "*U Ħagar wildet iben lil Abram: u semma Abram isem ibnu, li wildet Ħagar, Ismagħel. [16]U Abram kellu sitta u tmenin sena, meta Ħagar wildet lil Ismagħel lil Abram*" (Ġenesi 16:15-16). Jekk, kif igħidu xi wħud lis-snin ma kinux bħal tagħna llum, imma li wieħed għandu jiddividihom bi 12, dan ikun ifisser li l-patrijarka Abram kien sewwasew ftit aktar minn 7 snin fit-twelid tal-ewwel iben tiegħu, u Sara kienet sewwasew ftit aktar minn 7 snin meta welldet l-ewwel iben tagħha! (Ġenesi 17:17; 21:2). Imma llum xi wħud għadhom jaħsbu kif ħasbu Abraham u Sara, jiġifieri, li xi ħwejjeġ huma impossibbli għal Alla (Ġenesi 17:17; 18:11). Imma min jaħseb hekk tajjeb li jaqra Ġenesi 18:14, "*Ewwilla hemm xi ħaġa tqila ħafna għal Jaħweh?...*" U wkoll dak li jgħid il-Mulej tagħna, Ġesù Kristu, "*...Dak li ma jistax ikun għall-bnedmin jista' jkun għal Alla.*" (Luqa 18:27). Li bniedem igħix 900 sena u aktar, għalina llum jidher li huwa impossibbli. Imma sejjer xi ħadd ikun daqshekk prużuntuż u jgħid li għal Alla huwa impossibbli wkoll li jħalli persuna tgħix dak iż-żmien? Barra minn hekk, Abraham miet fl-età sabiħa kbira ta' erbagħtax-il sena għaliex huwa kellu 175 sena meta miet, imma billi dik l-età hija impossibbli, skond xi wħud, allura meta wieħed jiddividiha bi tnax Abraham jiġi li kellu, bejn wieħed u ieħor, 14-il sena biss meta miet. Temmnu dan int?

6. Naraw f'Ġenesi 25:26 li meta Iżakk kellu t-tewmin, Għesaw u Ġakobb huwa kellu 60 sena. Iddividihom bi tnax u r-riżultat ikun li hu kellu 5 snin meta twliedu t-tewmin! Temmnu dan int?

7. Meta Ġakobb kellu lil Ġużeppi, huwa kellu madwar 91 sena. (Ġenesi 30:25-43; 31:41). Temmen int li Ġakobb kellu ftit inqas minn 8 snin meta kellu lil Ġużeppi?

8. Meta Ġakobb iltaqa' mal-Fargħun huwa kellu 130 sena. Ifisser dan li Ġakobb kellu biss qrib il-ħdax-il sena f'dak il-waqt? (Ġenesi 47:9).

9. Nistgħu nsemmu wisq aktar minn hekk bħala eżempji imma dawn għandhom ikunu biżżejjed biex juru kemm huma żbaljati dawk li jgħidu lis-snin tal-Patrijarki ma kinux snin letterali bħal tagħna llum!

10. Ukoll Mosè kiteb Ġenesi, Hu għamel differenza ċara ħafna bejn xahar u sena. Hu għamel dan f'ħafna drabi. Eżempju, fejn naqraw f'Ġenesi 1:14, "*U Alla qal: Ħa jkun hemm dawwaliet fil-firxa tas-sema, biex jifirdu n-nhar mil-lejl: u ħalli jkunu ta' sinjali, u biex jagħżlu **l-istaġuni**, **u l-jiem**, **u s-snin**.*" Jekk is-snin mhumiex snin letterali bħal tagħna llum, allura lanqas l-istaġuni u l-jiem ma jistgħu jkun staġuni u jiem letterali bħal tagħna llum!

11. Ukoll, meta Ġesù ġie fid-dinja Hu għallimna ħafna ħwejjeġ. Jekk il-Patrijarki ma għexux dawk is-snin twal kif tistqarr il-Bibbja, jiena ċert li Ġesù kien jgħidilna.

**B. Etajiet Meqjusa mit-Twelid Tal-Ewwel Wild**

1. Imkien fil-Iskrittura ma hemm xi prova għal dan. Hija ħaġa waħda li *tispekula* fuq ħaġa bħal din, imma hija ħaġ'oħra għalkollox differenti biex *tipprovaha*.

2. Il-Bibbja tagħti daqqa tal-mewt għal suġġeriment bħal dan meta speċifikament tippreżenta etajiet ta' individwi *qabel ma huma saru ġenituri*, jeliminaw l-idea

li l-etajiet tan-nies ma kinux ikkalkulati qabel dik il-ġrajja. Ġenesi 12:4, "*Għalhekk Abram telaq, bħal ma qallu Jaħweh; u Lot mar miegħu: u Abram kellu ħamsa u sebgħin meta telaq minn Ħaran*." Dan biċ-ċar ikisser l-attentat tal-kritiċi biex iġibu fix-xejn dak li tgħid il-Bibbja Mqaddsa dwar l-età tal-patrijarki.

**Ċ. Etajiet Jirrappreżentaw Mhux Individwi, Iżda Dinastiji**

1. Hemm numru ta' problemi serji b'din il-veduta.
   a. L-ewwel, dawk li jsostnu din il-veduta ta' "dinastiji" ma jistgħux jibqgħu konsistenti, għaliex saħansitra huma nfushom huma sfurzati biex jammettu li ċerti ismijiet fil-listi ma jistgħux jirrappreżentaw *biss razza*, imma minflok *għandhom* jirrappreżentaw individwi.
   b. Noè u wliedu kellhom ikunu individwi reali, għaliex huma kienu fuq l-arka.
   ċ. Abraham kellu jkun individwu, mhux dinastija, għaliex hu kien il-missier ta' nazzjon Lhudi.
2. Sabiex din l-interpretazzjoni tkun aċċettabbli, wieħed għandu jaqra r-rakkont Bibliku b'doża qawwija ta' immaġinazzjoni u b'doża żgħira ta' sens komun. Bħala eżempju, meta t-test igħid li Eva wildet lil Kajjin u Abel, kulħadd jgħaraf li dan qiegħed jitkellem dwar individwi għaliex wieħed minnhom (Kajjin) qatel lil l-ieħor (Abel). Iżda, meta Eva wildet lil Set, minnufih dinastija f'distanza kienet diskussa. Ukoll, kif wieħed li jsostni dik it-teorija stramba jittratta mal-fatt li f'ħafna waqtiet fit-Testment il-Qadim, aħwa speċifiċi, subjien u bniet, huma msemmija? Dinastiji m'għandhomx aħwa subjien u bniet.

**D. Il-Kalendarju Ta' Dak Iż-Żmien Kien Differenti minn tal-Lum.**

Huwa minnu li l-kalendarju li nużaw aħna llum (Gregorjan) mhuwiex dak li kienu jimxu fuqu dawk il-Patrijarki li semmejt aktar qabel u li naqraw dwarhom fil-Ktieb ta' Ġenesi. Imma jfisser dan li l-jiem, ix-xhur u s-snin tagħhom kienu differenti minn tagħna? Jekk kien hemm xi differenza żgur li ma kinetx differenza li wieħed jista' jgħid li jekk patrijarka kellu 600 sena dan kien ifisser li huwa kellu, skond il-kalendarju tagħna, 50 sena. Żgur li mhux hekk.

Il-Bibbja Mqaddsa, li hija l-Kelma ispirata ta' Alla, tispeċifika eżatt il-jiem, xhur u snin kif ukoll l-istaġuni. Jekk wieħed tassew ikun irid jaf mingħajr ma jħalli lil xi ħadd iqarraq bih billi jagħti xi interpretazzjoni hu, kif fil-fatt qiegħed isir illum, dan jista' jkun jaf mingħajr ebda diffikultà kemm kienu twal il-jiem, xhur u snin ta' dak iż-żmien u jekk kienx hemm xi differenza kbira meta aħna nqabbluhom ma' dawk li nafu aħna llum. Eżempju, il-Bibbja tispeċifika eżatt liema jiem tas-sena li l-festi (fit-Testment il-Qadim) kellhom ikunu osservati—u hija ma tużax il-kalendarju Gregorjan u lanqas dak Lhudi jew xi ieħor!

Mill-kalendarji kollha, il-veru Kalendarju Bibliku huwa wieħed mill-aktar faċli li tifhmu. Huwa tant loġiku li kull pesuna li tirraġuna tista' tifhem l-istruttura tiegħu faċilment. Dan ma jeħtieġ ebda kalkoli kkumplikati jew xi regoli arbitrarji biex iżżommu jaqbel ma' l-istaġuni tas-sena. Huwa kalendarju tal-qamar u x-xemx. Żomm f'moħħok, li l-istess qamar u l-istess xemx li kienu jaraw il-Patrijarki għadhom jidhru llum u għandna narawhom aħna wkoll. Dan ifisser li kemm il-qamar u kemm ix-xemx kellhom parti fil-kostruzzjoni ta' dak il-kalendarju. Ir-regoli għal

dik il-kostruzzjoni jiġu kollha kemm huma mill-Bibbja Mqaddsa u huma tant sempliċi li wara li tkun qrajthom inti nnifsek int tkun tista' tifhimhom u tispjegahom lil min trid.

Alla (Jaħweh) qal lill-poplu li huma kellhom jinġabru flimkien f'ċerti żminijiet tas-sena biex josservaw il-jiem tal-Festi Tiegħu u Hu ma semmiex "Mejju" jew "Novembru" jew xi xhur oħra tal-kalendarju Greogrjan jew ta' xi kalendarju ieħor. Huwa uża kliem bħal "l-għaxar jum tal-ewwel xahar" u "l-ewwel jum tas-seba' xahar" biex juri l-osservanzi tal-jum tal-Festa (*moedim* fl-Ebrajk). Hu jgħid, "*Iżda raġel li jkun safi, u ma jkunx f'xi safra, u jibqa' ma jagħmilx il-għid, ikun maqtugħ minn fost niesu: għax ma ppreżentax l-offerta ta'* ***Jaħweh fl-istaġun tagħha****; dak ir-raġel iġib fuqu dnubu*" (Numri 9:13). Alla appunta żmien meta l-offerta kellha tkun ippreżentata.

Aħna nitgħallmu li Jaħweh ordna li l-jiem tal-festi Tiegħu kellhom ikunu osservati fiż-żmien preċiż (Levitku 23:2), mhux btajjel f'jiem li jagħżlu huma għall-kumdità tagħhom. Huma kienu jidinbu jekk ma josservawhomx fil-jum u ż-żmien li Alla kkmanda.

Jaħweh igħidilna pjuttost bl-aktar mod ċar kif aħna niddeċiedu dwar il-jiem korretti minn "kalendarju" fis-sema. Innota Ġenesi 1:14: "*U Alla qal: Ħa jkun hemm dawwaliet fil-firxa tas-sema, biex jifirdu* ***n-nhar mil-lejl****: u ħalli jkunu ta' sinjali, u biex jagħżlu* ***l-istaġuni, u l-jiem, u s-snin****.*" Nistaqsi jien, kienu dawk in-nhar u l-lejl *differenti* min-nhar u l-lejl tagħna tal-lum? Kienu dawk l-istaġuni u l-jiem, ***u s-snin*** *differenti* mill-istaġuni u jiem ***u snin*** kif nafuhom aħna llum? Żgur li le!

Kalendarji jirreġistraw il-jiem tas-sena, imqiegħda f'sura li normalment tifrixhom fuq xhur u ġimgħat. Kalendarju bażiku jirrelata erba' elementi ta' żmien: jum, ġimgħa, xahar u sena. Minn dawn l-elementi il-**jum** huwa l-pedament. Kif Jaħweh jiddetermina t-tul ta' jum, jew ġurnata? Naqraw f'Ġenesi 1:1-5, "[1]*Fil-bidu Elohim ħalaq is-sema u l-art….* [3]*U Elohim qal: Ħa jkun hemm id-dawl: u kien hemm id-dawl.* [4]*U Elohim ra d-dawl, li kien tajjeb: u Elohim fired id-dawl mid-dlam.* [5]*U Elohim semma d-dawl* ***Nhar,*** *u d-dlam semmieh* ***Lejl****. U* ***l-għaxija u l-għodu kienu l-ewwel jum****.*"

Għaxija waħda u għodu wieħed jagħmlu jum wieħed. Huma dawn l-għaxija u l-għodu jum l-istess bħal tagħna llum? Iva. Id-differenza forsi hija meta kien jibda l-jum u meta jispiċċa. Imma bħala jum ta' 24 siegħa huwa l-istess.

Il-Bibbja tgħidilna eżatt li: "*l-għaxija u l-għodu kienu l-ewwel jum.*" Kemm minn dawn il-jiem aħna nagħmluhom flimkien biex jagħmlu ġimgħa? Għaliex aħna ngħoddu sebat ijiem, mela, u nsejħulhom ġimgħa? Il-kelma Ebrajka tradotta "ġimgħa" hija *shabua*, u din tissinjifika kompletezza, jew perfezzjoni. Il-ġimgħa kienet ukoll introdotta kmieni f'Ġenesi (2:3): "*U Elohim bierek* ***is-seba' jum****, u qaddsu: għax fih strieħ mix-xogħol tiegħu kollu li Alla ħalaq u għamel.*" Il-kelma tradotta "strieħ" hawn hija l-għerq Ebrajk *shabath*, (***Strong's Concordance*** No. 7673 – the Sabbath.) Li Alla juża ġimgħa ta' sebat ijiem huwa ċar matul il-Bibbja: "*Mill-għada tas-Sibt, minn meta tkunu ġibtu l-qatta tat-tixjira, tgħoddu seba' ġimgħat sħaħ:* [16]*Sal-għada tas-seba' Sibt, tgħoddu hekk ħamsin jum, imbagħad toffru lil Jaħweh offerta ġdida tal-qamħ*" (Levitku 23:15-16).

Kemm jiem **int** tpoġġi f'ġimgħa tal-lum? Ftakar li inti osservatur antik u li qiegħed tosserva x-xemx u l-qamar għall-perjodi twal. Ix-xemx titla' u tinżel u l-jiem igħaddu. Il-qamar qiegħed jagħmel xi ħaġa ftit differenti. Il-qamar ukoll jitla' u jinżel

imma l-ammont tiegħu int tista' tara li jvarja—xi kultant dan ma jkunx viżibbli. Imma dan isegwi ċiklu.

Inti tinnota maż-żmien li l-qamar jibda bħala felli rqiq fuq naħa waħda, jibda jikber u jiddi aktar, imbagħad jonqos għal felli rqiq ħafna fuq in-naħa l-oħra. Imbagħad dan ma jidhirx aktar għal ftit tal-ħin, biss biex jirripeti dawn il-fażijiet. Inti tgħodd in-numru tal-jiem minn punt wieħed għall-punt identiku li jkun imiss u tinnota li hemm madwar 29½ jum għaċ-ċiklu tal-qamar biex ikun komplut. Imma meta inti tibda l-għad tiegħek taċ-ċiklu tal-qamar? Inti tikkonkludi illi li tibda b'l-ewwel felli li jidher jagħmel l-aktar sens u twarrab kaluklazzjonjiet mhux neċessarji.

Inti tinnota wkoll xi ħaġa interessanti meta tħares lejn il-qamar. Mill-ħin li inti bilkemm tkun tista' tara l-felli l-ġdid sakemm il-qamar ikun l-aktar li jiddi, (sħiħ) jieħu 14-il jum. Kull kwart (l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba') jimmarka perjodu ta' sebat ijiem. Dan huwa faċli—wieħed jista' jgħodd il-jiem f'pakkett ta' sebat ijiem billi jħares mill-qrib lejn il-qamar. Sorpriż! Dak hu l-mod li Alla ħalqu! Nistaqsi jien lil dawk li jippruvaw igħidu li l-etajiet tal-patrijarki huma fuq kalendarju differenti minn tagħna, huma s-sebat ijiem ta' dak iż-żmien differenti minn tagħna wkoll? Jekk le, għaliex le? Jekk il-kalendarju kien differenti allura wkoll il-ġimgħat għandhom ikunu differenti! Imma l-qerq f'dan ir-rigward sfortunatament ħafna jinqabdu fih! Imma ħalli issa naraw dwar *ix-xhur*. Rajna dwar *il-jiem* u dwar *il-ġimgħat*. Issa naraw dwar *ix-xhur* u wara dwar *is-snin*.

Jinkludi Alla *xhur* fil-kalendarju Tiegħu? Ukoll, kif dwar il-ġimgħat, hemm ħafna riferenzi Bibliċi dwar ix-xhur—imma tlieta huma biżżejjed, nibdew b'Dewteronomju 16:1: "*Ħares ix-xahar ta' Abib, u agħmel il-għid lil Jaħweh, Alla tiegħek: għax fix-xahar ta' Abib, Jaħweh, Alla tiegħek, ħarġek bil-lejl mill-Eġittu.*" Fl-Ebrajk, il-kelma tradotta "xahar" hija *chodesh* (Strong 2320), li tfisser "il-qamar *ġdid*; b'implikazzjoni, *xahar.*"

Jaħweh mhux biss jinkludi xhur, imma Hu wkoll jibdihom bid-dehra ta' qamar ġdid. Dan il-vers letteralment igħid, "*Ħares għall-qamar ġdid ta' Abib, u żomm l-Għid…*" L-Għid (Passover) għandu jkun osservat f'Abib 14 (Eżodu 12:6): "*U żommuh sa l-erbatax tal-istess xahar; u l-laqgħa kollha tal-ġemgħa ta' Iżrael toqtlu filgħaxija.*"

It-tieni riferenza għal xhur u ż-żmien tagħhom tinsab f'Salm 104:19: "*Hu għamel il-qamar għall-istaġuni; ix-xemx taf meta tinżel.*" It-tielet riferenza hija wkoll f'Salm 81:3: "*Doqqu t-tromba mal-qamar ġdid, mal-qamar mimli f'jum il-festa tagħna.*" Hawn l-unika festa li tibda fl-ewwel jum tax-xahar (Ethanim) hija msemmija—Trombi. Versi oħra dwar il-"chodesh" jinsabu bil-bosta fil-Bibbja (aktar minn 200), kollha jfissru "qamar ġdid."

Kif wieħed josserva madwar tnax-il ċiklu tal-qamar, dan jinnota lix-xemx tidher li miexja matul l-orizzont fil-ħin tal-inżul tagħha, sejra min-nofsinhar għat-tramuntana u lura għan-nofsinhar. Hekk kif inti tirrealizza dan, inti tagħmel marka fuq l-orizzont qrib l-inzul tax-xemx, u fi ftit jiem inti tibda biex ikollok idea dwar kemm ix-xemx qed titbiegħed minn dik il-marka. Maż-żmien inti tinnota wkoll id-dija madwarek qed tisħon aktar, u mbagħad tiksaħ aktar, u mbagħad tisħon mill-ġdid.

Inti tgħodd il-jiem mill-pożizzjoni tax-xemx mill-marka li inti tkun għamilt sakemm ix-xemx terġa' tiġi lura hemm, tmur fl-istess direzzjoni. *L-għadd tiegħek huwa 365 jum.* Dan in-numru, jippreżenta ċ-ċiklu tax-xemx, u n-numru jippreżenta ċ-ċiklu tal-qamar (29½), mhumiex saħansitra viżibbli. Ftit matematika bażika tgħidlek

li sena solari mhux eżattament tagħmel 12-il xhar lunari ta' 29½ jum (354 jum) u t-tul ta' sena solari (365) jikkawża l-erba' staġuni biex jimxu matul is-sena.

Dan forsi jista' ma jkun ta' ebda importanza għal xi wħud—x'jimporta jekk ir-rebbiegħa tiġix fl-ewwel xahar jew fit-tieni xahar jew fit-tielet? Imma Jaħweh jimpurtah. Jaħweh qal lil Mosè f'Eżodu 12:2, "Dax-xahar (Abib) ikunilkom il-bidu tax-xhur: ikunilkom l-ewwel xahar tas-sena." Abib hija l-kelma Ebrajka għal dan ix-xahar, u din tfisser "sbul ħodor" ta' qamħ. Imma liema qamħ? Mur f'Eżodu 9, fejn aħna naqraw dwar wieħed mill-kastigi li Jaħweh qiegħed fuq il-Fagħrun: "[23]*U Mosè medd il-ħatar tiegħu lejn is-sema: u Jaħweh bagħat ragħad u silġ, u nar ġera 'l isfel lejn l-art, u Jaħweh għamel xita ta' silġ fuq l-art tal-Eġittu.* [24]*Għamel is-silġ, u nar iżiġġ ġos-silġ, qawwi wisq, li bħalu qatt ma kien hemm fl-art kollha tal-Eġittu, mindu saret nazzjon.* [25]*U s-silġ ħarbat fl-art kollha tal-Eġittu dak kollu li kien fir-raba'; sew il-bniedem u sew il-bhima; u s-silġ ħarbat kull ħaxixa tar-raba', u kisser kull siġra fir-raba'. …* [31]*U tħarbtu l-kittien u x-xgħir: għax ix-xgħir kien bis-sbul, u l-kittien bin-nwar.* [32]*Iżda l-qamħ u l-ġulbiena ma tħarbtux: għax kienu għadhom ma kibrux.*" (23-25, 31-32).

Ix-xgħir kien dak il-prodott tar-raba' li diġà kien "fis-sbula," u x-xahar li fih l-ewwel Għid sar huwa Abib, ix-xahar tas-sbul aħdar tax-xgħir. Ix-xahar ta' Abib u l-istat tax-xgħir huma marbuta flimkien mill-qrib. Jekk ix-xgħir ma jkunx fl-istat proprju f'dak ix-xahar, dak ix-xahar ma jistax ikun Abib.

Issa mur għal Levitku 23. Hawn Jaħweh jispjega l-kunċett tal-ewwel frott għal l-Iżraeliti, u jgħidilna x'forma għandu jkun ix-xgħir matul ix-xahar ta' Abib: "*Ħobż, u qamħ ingaljat, u **sbul aħdar**, ma tiklux sa dak in-nhar, sa meta ġġibu l-offerta lil Alla tagħkom: dan ikun statut għal dejjem għal kull nisel tagħkom, kull fejn tkunu tgħammru*" (Levitku 23:14). L-Iżraeliti ma kinux imħollija li jaħsdu l-uċuħ tar-raba' tagħhom tax-xgħir qabel ma l-ewwel faxx xħir kienet imxejra quddiem Jaħweh mill-qassis. Ix-xgħir ikun miżrugħ f'Novembru u jieħu madwar erba' xhur biex jimmatura. Għandu jkun fl-istadju tas-sbula ħadra fl-ewwel xahar, u għallinqas xi ftit minnu lest għall-ħsad maż-żmien tal-offerta tat-tixjir li kienet issir matul il-Festa tal-Ażżmi. Aħna nafu li dan kien jiġri matul il-Festa tal-Ażżmi għaliex dawn il-versi jispjegaw kif tgħodd 'il quddiem mit-tixjira għall-Festa tal-Ġimgħat. Jaħweh iżomm l-istaġuni f'linja max-xhur billi riedhom josservaw ix-xgħir matur.

Issa, wara li rajna dan kollu, wara li rajna dwar il-kalendarju ta' Jahweh dwar il-jiem, ġimgħat, xhur, u snin, jista' jibqa' xi dubju dwar jekk is-snin u l-etajiet kbar li naqraw dwarhom f'Ġenesi humiex l-istess snin bħal tagħna llum? Wieħed m'għandux iħalli lil min jipprova jqarraq bih billi jsemmillu kalendarji differenti. Dak kollu qerq. Ix-xemx u l-qamar, l-għaxija u l-għodu, in-nhar u l-lejl li naqraw dwarhom f'Ġenesi huma l-istess bħax-xemx u l-qamar, l-għaxija u l-għodu, in-nhar u l-lejl li nafu dwarhom aħna llum. Għalhekk aħna għandna twissijiet fil-Bibbja Mqaddsa bħal: "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'dawn il-ħwejjeġ tinżel il-korla ta' Alla fuq ulied id-diżubbidjenza*" (Efesin 5:6). Imma xi wħud donnhom ikunu kuntenti li jiġu mqarrqa!

### Il-Kalendarju ta' Alla – Faċli daqs 1, 2, 3, 4

Aħna rajna u mxejna skont ir-regoli tal-Kalendarju Bibliku u mhux ta' xi kalendarju magħmul mill-bnedmin. Il-Patrijarki kollha kienu jimxu fuq dan il-kalendarju u ma kellhom l-ebda diffikultà biex jifhmuh. Jiena ċert, li meta wieħed jara sewwa u jifhem dan, huwa għandu jsib li dawk ir-regoli huma sempliċi u loġiċi.

1. ***Jiem***: "*d-dawl Nhar, u d-dlam semmieh Lejl. U l-għaxija u l-għodu kienu l-ewwel jum.*" (Ġenesi 1:5). Taqbel int li jum wieħed huwa Nhar u lejl, għaxija u għodu? Hemm xi differenza mill-jum tal-lum għal jum li naqraw dwaru f'Ġenesi 1:5?
2. ***Ġimgħa***: Ibda l-ġimgħa fl-ewwel jum u spiċċaha fis-seba' jum – "*Mill-għada tas-Sibt, minn meta tkunu ġibtu l-qatta tat-tixjira, tgħoddu seba' ġimgħat sħaħ: [16]Sal-għada tas-seba' Sibt, tgħoddu hekk ħamsin jum, imbagħad toffru lil Jaħweh offerta ġdida tal-qamħ*" (Levitku 23:15-16). Hemm xi differenza fit-tul taż-żmien mil-ġimgħa tal-lum fit-tul ta' żmien għall-ġimgħa li naqraw dwarha f'Levitku 23: 15-16?
3. ***Xhur***: Ibda x-xhur bid-dehriet ta' qamar ġdid: "*Ħares ix-xahar ta' Abib, u agħmel il-għid lil Jaħweh, Alla tiegħek: għax fix-xahar ta' Abib, Jaħweh, Alla tiegħek, ħarġek bil-lejl mill-Eġittu*" (Dewteronomju 16:1). Tinsiex li Abib tfisser "sbula." Hemm xi differenza fit-tul taż-żmien mix-xahar tal-lum għax-xahar li naqraw dwaru f'Dewteronomju 16:1?
4. ***Snin***: Ibda s-snin fix-xahar li x-xgħir ikun tajjeb għall-ħasd man-nofs ta' dak ix-xahar: "*[1]U Jaħweh kellem lil Mosè, qallu: [2]Kellem lil ulied Iżrael, għidilhom: Il-għidien ta' Jaħweh, li intom tneduhom bħala laqgħat imqaddsa, dawn huma, l-għidien tiegħi. [3]Sitt ijiem taħ-dem ix-xogħol: iżda s-seba' jum ikun Sibt, serħ għal kollox, u jkun hemm laqgħa mqaddsa: l-ebda xogħol ma tagħmlu fih: hu Sibt Jaħweh, kull fejn tkunu tgħammru. [4]Dawn huma l-festi ta' Jaħweh, laqgħat imqaddsa, li tneduhom f'waqthom. [5]L-ewwel xahar, l-erbatax tax-xhar, waqt l-għabex ta' filgħaxija, hu hu għid Jaħweh. [6]U l-ħmistax tal-istess xahar ikun għid l-ażżmi, f'ġieh Jaħweh: sebat ijiem tieklu ħobż ażżmu. [7]L-ewwel jum ikollkom laqgħa mqaddsa: l-ebda xogħol tal-ħaddiema ma tagħmlu. [8]Iżda toffru offerta magħmula bin-nar lil Jaħweh għal sebat ijiem: fis-seba' jum ikollkom laqgħa mqaddsa: l-ebda xogħol tal-ħaddiema ma tagħmlu. [9]Jaħweh kellem lil Mosè, qallu: [10]Kellem lil ulied Iżrael, għidilhom: Meta tidħlu fl-art li sa nagħtikom u taħsdu l-ħasda, iġġibu qatta tal-ewwel frott tal-ħasda tagħkom, lill-qassis: [11]U jxejjer il-qatta quddiem Jaħweh għalikom, biex togħġbuh: il-għada tas-Sibt ixejjirha l-qassis.[12]U dak in-nhar li xxejru l-qatta tagħkom, toffru ħaruf bla difett ta'* ***dik is-sena****, bħala offerta tal-ħruq lil Jaħweh. [13]U l-offerta tal-qamħ tiegħu tkun żewġ egħxur dqiq mibxux biż-żejt, offerta magħmula bin-nar lil Jaħweh b'riħa tfuħ: u l-offerta tax-xorb tkun irbigħa ta' ħinn inbid. [14]Ħobż, u qamħ ingaljat, u sbul aħdar, ma tiklux sa dak in-nhar, sa meta ġġibu l-offerta lil Alla tagħkom: dan ikun statut għal dejjem għal kull nisel tagħkom, kull fejn tkunu tgħammru*" (Levitku 23:1-14). Hemm xi differenza fit-tul taż-żmien mis-sena tal-lum għas-sena msemmija f'vers 12? Jekk aħna nħallu lill-bnedmin jingannawna billi jgħidulna li l-kalendarju kien differenti minn dak tagħna, allura t-tweġiba tkun, iva, hemm differenza, imma jekk aħna nħallu lil Alla jgħidilna Hu fil-Kelma Tiegħu, allura t-tweġiba għandha tkun biss, LE, ma hemm l-ebda differenza!

**Fatti u Mhux Teoriji**

Problema kbira li teżisti llum fil-qasam teoloġiku hija li ħafna min-nies mhumiex lesti li jaċċettaw dak li hu muri b'mod l-aktar sempliċi fil-Bibbja Mqaddsa imma huma jaċċettaw dak li huma nfushom ma jistgħux jifhmuh l-aqwa li dak ikun intqal

minn xi teologu u mhux sempliċiment billi qrawh mill-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. (Tajjeb hawn li wieħed jaqra 1 Korintin 1:18-31 u 1 Korintin 2:1-5)

L-unika spjega teoloġika għal li rrapporta dawn il-fatti tal-għaġeb li naqrawhom f'Ġenesi f'mod hekk sempliċi hija li, meta l-kittieb oriġinali rreġistrahom dawn ma kinux xi ħaġa mhux tas-soltu, imma esperjenza komuni. Kif urejt aktar qabel, l-etajiet kbar tal-Patrijarki msemmija fil-Ktieb ta' Ġenesi kienu miktuba b'mod sempliċi u li jifhmu kulħadd u Alla fisser dak li Hu ried li jfisser, imma matul iż-żminijiet bdew jinħolqu opin-onijiet differenti dwar l-interpretazzjoni tagħhom u xi wħud warrbu s-sempliċità li nsibu f'dawk il-kapitli u ġew ingannati biex jaċċettaw l-interpretazzjonjiet tal-bnedmin. Eżempju, x'nisimgħu llum u li ħafna qegħdin jaċċettawh dan? Li Ġenesi huwa ħrafa. Li l-etajiet kbar tal-patrijarki mhumiex letterali? Li dawk l-etajiet kbar m'għandhomx x'jaqsmu mal-kalendarju tagħna tal-lum. U ħafna qerq ieħor bħal dan. Imma l-Kelma sempliċi ta' Alla mhumiex lesti li jaċċettawha kif inhi mingħajr ma jħallu lil xi ħadd jibdel xi parti minnha billi jagħtiha interpretazzjoni personali tiegħu. Ma rridux ninsew x'tgħidilna l-Kelma ta' Alla, "*Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu: li l-ebda profezija tal-Iskrittura ma għandu ħadd ifissirha minn rasu.* [21]*Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu fl-isem ta' Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu.*" (**2 Pietru 1:20-21**). Dak li wieħed għandu jagħmel, iħalli l-Kelma ta' Alla tinterpreta lilha nfisha u mhux jinterpretaha skond l-opinjoni tiegħu!

Li l-etajiet kbar tal-patrijarki huma mogħtija f'termini ta' snin reali hu evidenti, kif diġà rajna, mill-etajiet tal-missirjiet fit-twelid ta' wliedhom, li jilħqu minn 65 sena fil-każ ta' Maħalel u Ħenok (Ġenesi 5:15, 21) għal 500 sena fil-każ ta Noè (Ġenesi 5:32). Prova oħra ta' dan huwa l-fatt li, wara d-Dulluvju, it-tul taż-żmien tal-ħajja kien beda nieżel, jonqos minn 950 sena għal Noè (Ġenesi 9:29) għal 205 sena għal Teraħ (Ġenesi 11:32), u eventwalment l-isfel madwar 70 sena fiż-żmien ta' Mosè (Salm 90:10)

It-tul tal-ħajja beda taħsir l-isfel f'Noè u beda jżomm f'livell fi żmien Ġużeppi. Alla qal: "**U Jaħweh qal: L-ispirtu tiegħi ma jdumx għal dejjem jitħabat mal-bniedem, għax hu laħam ukoll: iżda jiemu jkunu mija u għoxrin sena.**" (Ġenesi 6:3).

Dan l-inżul jew nuqqas fiż-żmien tal-ħajja kien ġudizzju dirett minn Alla għall-ħażen tal-bniedem (Ġenesis 6:5-6). Il-bniedem ipprova jfisser dan bħala fenomenu naturali. Dawk li jagħmlu hekk, huma l-istess nies li jiċħdu l-validità ta' Ġenesi. Jekk huma ma jemmnux Ġenesi, mela għaliex jippruvaw biex jirrazzjonalizzaw dak li ġara biex ikkawża l-bidla.

Alla kien intenzjona għall-bniedem li jgħix għal dejjem, imma l-bniedem dineb u kkawża l-mewt li tidħol (Rumani 5:12). Imma Alla ppermetta lill-bniedem li jgħix ħajja ta' kważi elf sena ukoll wara l-waqa' (Ġenesi 5:30-31). Madankollu, il-qalb kontinwament fil-ħażen tal-bniedem (Ġenesi 6:5), ikkawżatu li jsir ħażin u Alla ddispaċih li għamel lill-bniedem (Ġenesi 6:6-7). Alla raġa' naqqas il-ħajja (Ġenesi 6:3) din id-darba għal 120 sena. Għalhekk iż-żmien tal-ħajja tal-bniedem mar minn ħajja bla tmiem, għal kważi elf sena, għal mija u għoxrin minħabba d-dnub tiegħu stess.

## KONKLUŻJONI

Mhix xi ħaġa mhux komuni għal dawk li jirrifjutaw li jaċċettaw l-etajiet tal-patrijarki kif jidhru li huma biex jissuġġerixxu lin-numri għandhom xi "tifsira teoloġika kbira marbuta magħhom. Spiss nisimgħu jew naraw stqarrijiet bħal dawn isiru. Imma, meta ppressati fuq **xhiex** dik it-tifsira teoloġika tista' tkun, dawk li jappoġġjaw idea bħal din jintilfu u jonqsu milli joffru xi spjega.

Is-snin tal-patrijarki li dwarhom naqraw f'Ġenesi kapitli 5 sa 11 *huma snin letterali u dak huwa eżattament kif il-kittieba tal-Bibbja aċċetttawhom*. Eżamina din l-istqarrija tal-għaġeb mill-pinna ta' Mosè, b'ispirazzjoni minn Alla. F'Ġenesi 47:9, Ġakobb, waqt li kien qiegħed ikellem lil Fagħrun, qal, "U Ġakobb qal lil Fargħun: jiem is-snin tal-pellegrinaġġ tiegħi huma mija u tletin sena: ftit u ħżiena kienu snin ħajti, ***u ma laħqux snin il-ħajja ta' missirijieti*** f'jiem il-pellegrinaġġ tagħhom." Innota l-punt li qiegħed jagħmel Ġakobb. Hu kellu 130 sena, madankollu, huwa jgħid li wkoll f'dik l-età kbira, il-jiem tiegħu ma laħqux "il-jiem tas-snin il-ħajja ta' missirijieti." Jekk hu kellu 130 sena, u madankollu hu ma laħaqx l-età ta' xi wħud mill-patrijarki li kienu qablu, kemm mela kellhom żmien "missirijietu"?

Mhijiex xi ħaġa tal-għaġeb kemm tajjeb ir-rakkont Bibliku jaqbel flimkien? U mhijiex xi ħaġa sabiħa li dan wieħed jista' jafdah u jaċċettah, mingħajr xi xorta ta' "manuvrar qarrieqi" li fuqu l-kritiċi għandhom joqgħodu sabiex jagħmlu t-teoriji foloz tagħhom jiksbu xi grad ta' rispett?

Imma, għal darb'oħra, min jaħseb hekk tajjeb li jerġa' jaqra Ġenesi 18:14, "***Ewwilla hemm xi ħaġa tqila ħafna għal Jaħweh?...***"

U wkoll dak li jgħid il-Mulej tagħna, Sidna Ġesù Kristu, "***...Dak li ma jistax ikun għall-bnedmin jista' jkun għal Alla.***" (Luqa 18:27).

Li bniedem għex 900 sena u aktar, għal xi wħud illum jidher li huwa impossibbli u minħabba f'hekk jinqabdu fit-tagħlim falz tal-bnedmin u jwarrbu dak li tgħid il-Kelma ta' Alla billi jgħidu li s-snin ma kinux snin bħal tagħna.

Imma lest int li tkun daqshekk prużuntuż u tgħid li ***għal Alla huwa impossibbli li jħalli persuna tgħix 969 sena?***

Isaija 55:8-9 – "[8]*Għax ħsibijieti mhumiex ħsibijietkom, lanqas triqati ma huma triqatkom, igħid Jaħweh.* [9]*Għax bħalma s-smewwiet huma ogħla mill-art, hekk triqati huma ogħla minn triqatkom, u ħsibijieti minn ħsibijietkom.*"